# Ic-Cwievet Ghall-Futur Taghna

SATURDAY, 11 OCTOBER 2014 23:00 FORUM ZGHAZAGH LABURISTI



*Kitba ta' Naomi Cachia - Membru fl-Ezekuttiv tal-Forum Zghazagh Laburisti*

2
Share

L-ewwel gimgha ta' Ottubru ghal hafna zghazagh tfisser ir-ritorn tar-rutina universitarja, u ghal ohrajn il-bidu ta' esperjenza gdida. Il-Quadrangle tal-Università matul din il-gimgha jkun mizghud b'hafna wcuh entuzjasti - zghazagh li ghamlu hafna sagrificcji biex waslu fejn waslu, bit-tama li permezz tal-frott tal-istudju taghhom jinfethu numru ta' bibien li jwassluhom ghad-destinazzjoni ahharija li tant ikunu ilhom jistinkaw ghaliha.

Kienet din it-tema tal-posta tal-Grupp Ewroparlamentari tas-Socjalisti u Demokratici (S&D) li, ghal sena ohra, flimkien mal-Forum Zghazagh Laburisti, kienu parti mill-Freshers' Week fl-Università ta' Malta. Ilqajna numru sabih ta' zghazagh u staqsejniehom x'jistennew mill-Unjoni Ewropea (What can the EU do for you?), x'jahsbu li hija c-cavetta ghall-futur taghhom u x'inhuma l-valuri socjalisti u demokratici li jhaddnu. Apparti l-kwistjoni tal-immigrazzjoni irregolari, li tibqa' fost, jekk mhux l-ikbar, punt ta' thassib, spikkaw twegibiet bhall-valuri ta' solidarjetà u ugwaljanza, u l-moviment hieles tal-haddiema fil-pajjizi Ewropej. Hafna wiegbu li jemmnu li l-edukazzjoni hija l-fattur ewlieni li ser jiddetermina l-futur taghhom, u esprimew ix-xewqa li jkun hemm iktar investiment f'dan ir-rigward.

L-edukazzjoni, fl-isfond tal-persentagg gholi ta' qghad fost iz-zghazagh Ewropej, hija prijorità tal-grupp S&D, li qed jaghmel pressjoni ghal investiment ikbar f'dan il-qasam. Tinhass hafna l-htiega li nevalwaw is-sistemi edukattivi fl-Ewropa sabiex naraw li z-zghazagh taghna jkollhom il-hiliet mehtiega li jwassluhom ghal impjieg rilevanti ghal dak li jkunu studjaw ladarba jsibu ruhhom fid-dinja tax-xoghol. Dan flimkien ma' zieda fit-traineeships, u tishih fl-iskema tal-Erasmus, li taghtihom l-opportunità li jistudjaw f'pajjiz Ewropew iehor ghal perjodu ta' zmien li jvarja minn tliet xhur sa sena. Fil-qofol ta' dan kollu nsibu l-Garanzija ghaz-Zghazagh; liema garanzija qed tigi implimentata f'diversi pajjizi Ewropej, inkluz f'Malta. F'Marzu li ghadda l-Gvern Malti habbar li ser jalloka €2 miljun ghal din l-inizjattiva.

**L-apatija politika**

Ghalkemm Freshers' Week kienet gimgha li laqqghatni ma' hafna nies - bil-maggoranza taghhom jaghzlu li jissiehbu mal-Forum Zghazagh Laburisti, tinkwetani hafna l-apatija u l-indifferenza lejn il-politika fl-Università taghna. Inqas minn hames xhur wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, iltqajt ma' zghazagh li staqsewni x'jirrapprezentaw l-inizjali 'S&D', filwaqt li ohrajn sahansitra lanqas biss jafu minn huma l-MEPs li qed jirrapprezentawhom u dan minkejja t-turnout gholi ta' zghazagh f'kull elezzjoni.

Jinkwetani l-fatt li certa studenti terzjarji ma jafux u ma jistghux japprezzaw il-valuri li jhaddnu l-partiti u l-kandidati li vvutaw ghalihom sabiex ikunu l-vuci taghhom fil-Parlament Ewropew. Dan minkejja l-kampanja intensiva li saret fl-ewwel nofs ta' din is-sena. Hemm bzonn li dawn il-valuri jsibu ruhhom fuq nett tal-agenda taghna. Inhoss li bhala Forum Zghazagh Laburisti ghandna kemm ir-responsabbiltà kif ukoll il-potenzjal li nservu ta' pjattaforma ghaz-zghazagh Maltin u Ghawdxin sabiex ikunu jistghu jesprimu rwiehhom rigward il-valuri li nhaddnu bhala Socjalisti Ewropej, u nkunu ta' ezempju ghal zghazagh ohra. Dan iktar u iktar issa li matul din is-sena impenjattiva, l-ghaqda kompliet issahhah ir-relazzjonijiet internazzjonali taghha.

Madankollu, kien hemm numru inkoragganti ta' zghazagh li dehru ghatxana li jsiru parti mill-Forum Zghazagh Laburisti - ucuh godda li huma indispensabbli ghat-tkabbir u l-pjanijiet futuri tal-ghaqda.

Email This Bookmark Set as favorite

## Kummenti (0)

Subscribe to this comment's feed

## Ikkummenta

Isem

POPOLARI | KUMMENTI RICENTI
Karikatura
It-tmexxija talL-Orkestra Nazzjonali tistonaha ma' surmast ta' fama
Hill Climb fil-Kalkara
Valletta jaghlqu l-loghba kmieni
Rainbows jinqalghu minn qiegh il-klassifika

It-Temp
Wed Thu Fri Sat Sun

Ikkuntattjana
Min Ahna
Avviz
Irriklama

Karikatura

Faccata

**Email**

**Website**

**Titlu**

**Kumment**

smaller | bigger

I have read and agree to the Terms of Usage.

Zid Kumment

< Prev Next >

Copyright © 2013 Kullhadd. All Rights Reserved. Web Design in Malta by webee